

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tilqa' t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità parpjali tar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 5 399 787 għall-prodotti u s-servizzi kollha kkontestati;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) flimkien mal-Artikolu 59(1)(a) tar-Regolament Nru 2017/1001.
- 

### Rikors ippreżentat fis-16 ta' Frar 2018 – DeepMind Technologies vs EUIPO (STREAMS)

(Kawża T-97/18)

(2018/C 134/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** DeepMind Technologies Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: T. St Quintin, barrister, K. Gilbert u G. Lodge, solicitors)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Trade mark kontenzuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni “STREAMS” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 166 176

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Novembru 2017 fil-Każ R 35/2017-1

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- temenda d-deċiżjoni kkontestata billi tikser l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea, alternativament;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata fuq l-istess bażi;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2017/1001.
- 

### Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2018 – Multifit Tiernahrungs vs EUIPO (MULTIFIT)

(Kawża T-98/18)

(2018/C 134/48)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Multifit Tiernahrungs GmbH (Krefeld, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Weber u L. Thiel, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)